# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025**

**Avv Nru: 300/2023**
**Nru fuq il-Lista: 4**

**Martin Agius (K.I. 745362M) u Irene Agius (K.I. 115464M)**

**vs**

**Michael Cini (K.I. 371664M), Carmen Cini (K.I. 315665M), Profs Michael Borg (K.I. 292163(M)) u Rita Borg (K.I. 67686(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż promotur imressaq fl-20 ta' Diċembru 2023[1] permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi l-ammont komplessiv ta' tnax-il elf Ewro, sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€12,668) rappreżentanti danni allegatament sofferti mill-atturi minħabba proċeduri ġudizzjarji li saru mill-konvenuti.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Jannar 2024[2].

---

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 40 tal-proċess.

Rat ir-risposta tal-konvenuti mressqa fid-29 ta' Frar 2024[3], fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jirrilevaw illi preċedentement għal dawn il-proċeduri, l-atturi ippreżentaw l-ittra uffiċjali 166A nru. 2377/2023 nhar it-30 ta' Awwissu 2023, flimkien mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 2054/2023 li ġie akkordat nhar it-2 ta' Settembru 2023. Illi in segwitu għal dan, l-esponenti irrispinġew it-talba tal-atturi kif dedotta fl-ittra uffiċjali 166A permezz ta' nota fl-atti tal-istess ittra uffiċjali nhar is-7 ta' Settembru, 2023. Illi skont l-artikolu 833A tal-Kap. 12, l-atturi konjuġi Agius kellhom fi żmien <u>għoxrin (20) ġurnata</u> mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali tal-pretensjoni dedotta permezz tal-ittra uffiċjali 166A, jippreżentaw il-preżenti avviż, liema avviż iżda ġie ppreżentat biss nhar l-<u>20 ta' Diċembru 2023</u> u għalhekk xhur sħaħ wara t-terminu pprovdut mil-liġi;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr l-ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jaċċennaw illi huma kellhom kull dritt li jressqu appell mill-ħruġ tal-permess PA/00430/22 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT), permezz ta' liema huma semmgħu l-preokkupazzjonijiet tagħhom għall-perikli strutturali marbuti mal-iżvilupp u ressqu diversi lmenti imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet ta' ippjanar. Illi nonostante l-fatt li l-appell kien u għadu pendenti quddiem l-EPRT, il-konjuġi Agius komplew bil-proċess sabiex jingħata clearance mill-Awtorita` tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għad-demolizzjoni tas-sit, liema clearance ħareġ fl-4 ta' Awwissu, 2023, u kien għalhekk illi l-esponenti ma kellhomx triq oħra ħlief li jagħmlu appell minn tali clearance quddiem it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni, u kif ukoll jipproċedu bil-mandat ta' inibizzjoni numru 1450/2023/1 JRM sabiex iwaqqfu lill-konjuġi Agius milli personalment,*

[3] Din tibda a fol 48 tal-proċess.

*jew tramite` ħaddiema jew kuntratturi nkarigati minnhom, jagħmlu, jibdew u/jew iwettqu kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni, demolizzjoni, skavar, tħaffir u/jew xort' oħra ta' tqattigħ ġewwa s-sit numru 1, Triq il-Monsinjur Alan Fenech, il-Mosta u/jew b'xi mod jeżegwixxu l-permess numru PA/00430/22 maħruġ mill-Awtorita` tal-Ippjanar rigward l-istess sit;*

3. *Illi permezz ta' digriet mogħti nhar il-5 ta' Settembru 2023, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet illi tilqa' limitatament it-talba tal-esponenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub u dan billi żżomm lill-intimati Agius milli jibdew jew iqabbdu lil min jibda x-xogħlijiet (magħdud dak tat-twaqqigħ tal-binja tagħhom eżistenti) sakemm jinqata' l-appell pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u safejn ma għandhomx isiru xogħlijiet ta' tħaffir u tqattigħ f'anqas mid-distanzi maħsuba fl-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili, f'każ li l-permess jibqa' fis-seħħ, u tiċħad it-talba dwar il-bqija, bla ħsara ta' kull rimedju ieħor spettanti lill-esponenti fir-rigward u ordnat lill-intimati Agius iħallsu l-ispejjeż ta' dik il-proċedura. Għaldaqstant, tali digriet jixhed b'mod ċar illi kieku l-atturi komplew bix-xogħlijiet, kif kellhom l-intenzjoni ċara li jagħmlu, minkejja li għad hemm appell pendenti quddiem l-EPRT, il-jeddijiet tal-esponenti kienu ser jiġu serjament ippreġudikati. Fl-aħħar mill-aħħar, dan mhux qed jgħiduh biss l-esponenti, iżda hemm ordni mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'dan is-sens li għandha tiġi ampjament irrispettata, liema ordni turi ċar u tond illi l-preokkupazzjonijiet u l-argumenti miġjuba mill-atturi kienu fondati u ma kinux frivoli jew fabbrikati u msejsa fuq ix-xejn;*

4. *Illi għaldaqstant, dan kollu juri b'mod ċar illi filwaqt li l-esponenti aġixxew dejjem bi buona fede, l-atturi Agius aġixxew b' mala fede meta minkejja li l-appell quddiem l-EPRT għadu pendenti, huma xorta waħda komplew il-proċess quddiem il-BCA u ppretendew li jibqgħu għaddejjin minn fuq kulħadd. Illi għalhekk kemm il-kawża odjerna, u kif ukoll l-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-mandat ta' sekwestru*

*li ġew intavolati l-għada tas-smigħ tas-seduta tal-mandat ta' inibizzjoni ma huma xejn għajr tentattiv ieħor sabiex jivvessaw u jikkastigaw lill-esponenti talli rrikorrew għall-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex jissalvagwardjaw il-jeddijiet tagħhom u ma jiġux serjament u irrimedjabbilment ippreġudikati. B'hekk, huma l-atturi li konsistentement qed ifittxu li jostakolaw lill-esponenti, u mhux bil-kontra, b'dan illi filwaqt li ma kien hemm l-ebda abbuż ta' dritt min-naħa tal-esponenti, fil-każ tal-atturi hemm kjarament ritaljazzjoni u arm's twisting fil-konfront tal-esponenti;*

5. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrilevaw illi l-ħlas pretiż mill-atturi permezz ta' din il-kawża huwa frivolu u inveritier, għaliex mal-avviż promotur tagħhom lanqas annettew imqar dokument wieħed li jissostanzja l-pretensjoni ammontanti għal ammont kumplessiv ta' tnax -il elf, sitt mija u tmienja u erbgħin Ewro (€12,648), u għalhekk tali pretensjoni assolutament ma tirriżulta minn imkien;*

6. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiċħdu kategorikament illi hemm xi ammont dovut minnhom għal żieda fl-ispejjeż tad-demolizzjoni, spejjeż assigurattivi u kif ukoll kirjiet mitlufa. Illi qabel xejn, jeħtieġ li jiġi ppreċiżat illi billi x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-fond in kwistjoni għadhom ma bdewx, l-esponenti ma jistgħux jifhmu fuq liema bażi l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' tmint elef Ewro (€8,000) għal żieda fl-ispejjeż ta' demolizzjoni. Għaldaqstant, l-atturi qegħdin sempliċement jagħmlu numru ta' allegazzjonijiet abbażi ta' stima infondata, għaliex għadhom ma ħallsu xejn lil ħadd fir-rigward ta' demolizzjoni, u dan apparti l-fatt li kif imsemmi fl-eċċezzjoni surreferita, lanqas biss ittentaw jiġġustifikaw dan l-ammont bil-preżentata ta' xi dokumenti mal-avviż odjern. Apparti minn hekk, b'referenza għall-ammont mitlub għall-ispejjeż assigurattivi għall-perjodu ta' sentejn, lil hinn mill-fatt li dan l-ammont lanqas ma jirriżulta ġġustifikat bil-preżentata ta' xi*

*dokument/i, l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif dawn huma spejjeż li huma attribwibbli għalihom, għaliex wara kollox l-obbligu li jkun hemm polza ta' assigurazzjoni valida huwa ta' min qed jagħmel ix-xogħlijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni, u tali obbligu joħroġ mil-liġi;*

7. *Illi fir-rigward tal-pretensjoni għal spejjeż ta' kirjiet allegatament mitlufa mill-atturi, l-esponenti jgħidu illi tali pretensjoni hija frivola u vessatorja, stante li ma hijiex iġġustifikata. Billi x-xogħlijiet fuq il-fond in kwistjoni għadhom ma bdewx, l-esponenti ma jistgħux jifhmu għalfejn huma għandhom jinżammu responsabbli għal xi kirjiet li l-atturi qed jgħidu li tilfu. Huwa għalhekk ċar li l-atturi qed japprofittaw ruħhom mill-esponenti stante li m'hemmx rabta bejn il-fatt li l-esponenti pproċedew ġudizzjarjament sabiex iwaqqfu l-iżvilupp propost mill-atturi u dawn il-kirjiet mitlufa;*

8. *Illi inoltre`, u dejjem bla ħsara għas-suespost, ċertament li l-esponenti m'għandhomx jinstabu responsabbli għall-ħlas tal-ammont mitlub permezz ta' dan l-avviż proprju għaliex l-intavolar tal-appelli quddiem l-EPRT u t-Tribunal tal-BCA, u kif ukoll l-intavolar tal-mandat ta' inibizzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kif ingħad aktar kmieni sar f'eżerċizzju <u>regolari</u> tal-jeddijiet tagħhom;*

Rat in-nota tal-atturi mressqa fl-14 ta' Mejju 2024[4] fejn ġew annessi affidavits tal-atturi.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024[5] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Charles Demanuele u l-Perit Robert Vella.

[4] A fol 55 tal-proċess.
[5] Verbal relattiv a fol 89 tal-proċess.

Rat in-nota tal-atturi tat-18 ta’ Ottubru 2024[6] permezz ta’ liema ġew imressqa affidavits tal-atturi mill-ġdid u dokumenti oħra.

Rat in-nota tal-atturi mressqa waqt is-seduta tas-6 ta’ Novembru 2024[7], mehmuż magħha l-affidavit ta’ Michael Cini u dokumenti.

Rat in-nota tal-atturi tas-16 ta’ Diċembru 2024[8] permezz ta’ liema ġie mressaq l-affidavit tal-Prof. Michael Borg u kopja ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-11 ta’ Diċembru 2024.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2025[9] meta nstemgħu l-kontro-eżamijiet tal-Perit Robert Vella u Charles Demanuele.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2025[10] meta nstemgħet ix-xhieda ta’ Michael Cini, il-Professusr Michael Borg u Martin Agius.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2025[11] (dik tal-15 ta’ April 2025 kienet ġiet differita fuq talba tal-atturi) fejn seħħet it-trattazzjoni finali (mill-konvenuti biss għaliex l-atturi ma dehrux). Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

[6] A fol 100 tal-proċess.
[7] Nota tinsab a fol 139 tal-proċess.
[8] A fol 252 tal-proċess.
[9] Verbal relattiv jinsab a fol 291 tal-proċess.
[10] Verbal relattiv jinsab a fol 304 tal-proċess.
[11] A fol 331 tal-proċess.

Illi qabel xejn il-Qorti tqis li għandha tibda billi tagħmel rijepilogu qasir tax-xhieda u provi li jsawru dan il-każ.

## Provi

Illi f'dawn il-proċeduri xehed **Martin Agius**. Fl-affidavit tiegħu[12] jgħid li hu, flimkien ma' martu, l-attriċi l-oħra, huwa sid ta' fond ġewwa l-Mosta. Fis-sena 2019 għamlu ħsieb li jwaqqgħu il-propjetà u jagħmlu żvilupp. Tkellmu mal-Perit Robert Vella u wara li ngħataw parir li l-proġett jista' jsir, beda jdur għall-istimi. Ħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u dan twaħħal mal-faċċata tal-binja. Dakinhar stess il-konvenut Michael Cini sabu u qallu li kien jippretendi li jikkonsulta miegħu. Ftit wara, irċieva ittra uffiċjali minn Michael Cini u Michael Borg bil-għan li l-proġett ma jsirx u sar ukoll appell quddiem it-Tribunal tal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie mressaq ukoll appell quddiem it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Sal-ħin tal-kitba ta' l-affidavit, l-appell quddiem l-Awtorità kien ġie miċħud. Huwa ressaq sekwestru fis-sena 2023 u jispjega kif wasal għall-ammont minnu mitlub. F'xi żmien, il-konvenuti għamlu wkoll mandat ta' inibizzjoni u minħabba f'hekk kien hemm żieda fil-prezz tax-xogħlijiet. Jgħid li huwa mexa skond il-proċeduri kollha tal-liġi.

Illi l-attur Martin Agius ġie mressaq mill-konvenut għall-interrogatorju[13]. Jaqbel li qabel kull żvilupp kellu jkun hemm proċess ta' sanzjonar mal-Awtorità tad-Djar. Ma jaqbilx li dawn tħallsu wara li saru jafu bl-oġġezzjonijiet tal-konvenuti. Ma kienx jaf li wara li jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar seta' jkun hemm appelli. Dwar l-allegati kirjiet mitlufa, dawn jgħid li kienu relatati ma kuntratt ta' kera li kellu minn qabel ma nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni. Jaqbel li fiż-żmien tal-kuntratt ta' kera, ix-xogħlijiet kienu għadhom

[12] Dan jibda a fol 56 tal-proċess.
[13] Kontro-eżami jibda a fol 314 tal-proess.

ma nbdewx. Jaqbel li saru tlett sekwestri minnhom kontra l-konvenuti. Skond hu dan sar fuq kliem l-avukat tagħhom ta' dak iż-żmien. Skond hu, l-konvenuti qatt ma kellhom biża fuq il-konsegwenzi tal-iżvilupp. F'ri-eżami (magħmul fl-istess seduta) jgħid li bi ħsiebu jibda proċeduri ta' ritrattazzjoni dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). F'kontro-eżami ulterjuri (ukoll fl-istess seduta) jgħid li huwa straħ fuq dak li qaltlu l-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien, li qaltlu wkoll li din il-kawża kienet sejra tintrebaħ żgur u li l-permess hemm kien sejjer jibqa'.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll l-attriċi **Irene Agius.** Fl-affidavit tagħha[14] hija sempliċiment tgħid li tikkonferma l-fatti kif mistqarra minn żewġha.

Illi xehed ukoll **Charles Demanuele**. Imressaq mill-atturi[15] jgħid li huwa kuntrattur fix-xogħol tal-bini. Kien ġie mitkellem mill-atturi sabiex jagħmel xi xogħol u l-ewwel valutazzjoni kienet ta' wieħed u għoxrin elf Ewro. Imbagħad kien hemm ħtieġa ta' strutturi temporanji u l-valutazzjoni żdiedet għal sitta u għoxrin elf Ewro. Dan sar ħabba sigurtà sabiex ma jkunx hemm problemi ma' terzi.

Illi fil-kontro-eżami imbagħad, l-istess xhud[16] jaqbel li strutturi temporanji kienu neċessarji u ma tistax taħdem mingħajrhom. L-atturi kienu jafu bihom, u saru fuq struzzjonijiet tal-Perit. L-ewwel stima ma kienitx tinkludi dawn l-istrutturi, iżda dawn ġew inklużi wara.

Illi xehed ukoll **il-Perit Robert Vella.** Imressaq mill-atturi[17] jgħid li huwa ġie ingaġġat mill-atturi xi tlett snin qabel id-data tax-xhieda tiegħu. Id-differenza fil-

---

[14] A fol 80 tal-proċess.
[15] Xhieda reltiva tibda a fol 90 tal-proċess.
[16] A fol 301 tal-proċess.
[17] Xhieda relattiva tibda a fol 93 tal-proċess.

prezz tal-iskavar kien minħabba ż-żmien li għadda mill-ewwel stima, u kien relatat ma' strutturi temporanji. Jgħid li l-proġett baqa' jiddewwem minħabba proċeduri legali. Jaqbel li ma sarx ħlas lill-kuntrattur. Ix-xogħlijiet ma bdewx minħabba appelli.

Illi fil-kontro-eżami imbagħad, l-istess xhud[18] jgħid li ż-żieda kienet l-iktar minħabba strutturi temporanji, li dejjem kienu neċessarji. Parti oħra hija relatata mal-fatt li żdiedu l-prezzijiet tas-suq. Jgħid li f'dan il-każ kien hemm tibdil fil-*method statement*. Jaqbel li minn permess tal-Awtoritá tal-Ippjanar hemm dritt legali t'appelli. Jaqbel lit-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni kien ordna li jinbidel il-*method statement*..

Illi xehed ukoll **Michael Cini.** Fl-affidavit tiegħu[19] jgħid li huwa proprjetarju ta' fond biswit dak tal-atturi. Fis-sena 2022 huwa kien għamel oġġezzjoni għall-iżvilupp relattiv, flimkien mal-attur l-ieħor il-Prof. Michael Borg. Madanakollu, l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess. Huwa appella minn din id-deċiżjoni u pendenti l-appell, l-atturi xorta komplew bil-proċess, u l-BCA ħarġet il-*clearance* relattiv. Minn din l-aħħar deċiżjoni sar appell ieħor. Nel frattemp huwa ressaq Mandat ta' Inibizzjoni, liema mandat ġie milqugħ sakemm l-appell quddiem it-Tribunal baqa' pendenti. F'xi żmien wara, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ċaħad l-appell, u huma ntavolaw appell dwar l-istess. Jgħaddi sabiex jispjega l-motivazzjoni tal-appell. Jgħid li ma jaqbilx li l-azzjonijiet ġudizzjarji tagħhom kienu frivoli jew vessatorji iżda saru proprju bil-mira li jneħħu kull perikolu mill-iżvilupp kif propost mill-atturi. Jagħlaq billi jgħid li l-atturi kienu jafu sew bill-preokupazzjonijiet tagħhom, iżda dawn ma tawx każ.

[18] Traskrizzjoni tibda a fol 292 tal-proċess.
[19] Dan jibda a fol 140 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami il-konvenut **Michael Cini**[20] jaqbel li kien jaf li l-azzjonijiet ġudizzjarji tiegħu setgħu ifixklu il-proġett. Jaqbel li l-mandat sar fuq talba tiegħu. Jaqbel li l-materjal tal-kostruzzjoni qiegħed jiżdied.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll il-konvenut **Professur Michael A. Borg.** Fl-affidavit tiegħu[21] jitlaq billi jgħid li huwa proprjetarju ta' fond biswit il-proprjetà mertu tal-kawża, u li tappoġġja miegħu. Jirrepeti dak li ntqal fix-xhieda fl-affidavit ta' Michael Cini. Jagħlaq biss billi jgħid li huwa m'għandu jħallas xejn għaliex il-proċeduri li ħa kienu sempliċiment rimedji li tipprovdi l-liġi.

Illi l-istess xhud ġie mressaq ukoll għal-kontro-eżami[22]. Jaqbel li l-għan wara l-azzjonijiet tagħhom kien li l-iżvilupp ma jsirx. Jaqbel li l-prezzijiet tal-kostruzzjoni qiegħdin jogħlew.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss li dawn il-fatti jiġu eżaminati skond il-prinċipji legali relattivi.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

Illi fis-seduta tal-5 ta' April 2024, fuq stedina preċedenti tal-Qorti dwar l-import ta' din l-eċċezzjoni[23], ġie reġistrat hekk:

> *Dr Joseph Camilleri fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni informa lill-Qorti li dik l-eccezzjoni inghatat aktar sabiex turi l-grajja fattwali ta' kif sehhew l-*

[20] Dan jibda a fol 305 tal-proċess.
[21] Dan jibda a fol 253 tal-proċess.
[22] Dan jibda a fol 311 tal-proċess.
[23] Fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2024 (l-ewwel dehra) jinsab reġistrat hekk: "*Dr Farruga Mifsud titlob zmien sabiex tezamina r-risposta u l-Qorti tistieden lil Dr Briffa tirregola ruha dwar l-ewwel eccezzjoni fid-dawl tal-fatt li l-procedura tal-lum m'hijiex tar-rikors revoka*".

*aspetti gudizzjarji qabel il-prezentata ta' dawn il-proceduri aktar milli u mhux in-nullita' ta' dawn il-proceduri odjerni.*

Illi għalhekk, kif anke aċċettaw il-konvenuti, din il-Qorti m'hijiex qiegħda tqis din l-eċċezzjoni bħala difiża li tikkwerela xi xkiel fuq l-azzjoni tal-atturi (minn aspett purament proċedurali) iżda din għandha tiġi kkunsidrata biss bħala bażi fattwali (iktar milli bħala difiża). X'aktarx l-animu, jew ir-raġuni, l-għala l-konvenuti għażlu li jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti għal dan il-fatt sejjer jemerġi lejn l-aħħar ta' din is-sentenza.

**Mertu – Prinċipji Ġenerali**

Illi għandu jkun indubitat li l-azzjoni tal-atturi għar-riżarċiment tad-danni hija msejsa kollha kemm hi fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti, permezz tal-azzjonijiet diversi li ħadu, abbużaw mill-proċess ġudizzjarju. Skond il-liġi tagħna,[24] kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu **fil-qies li jmiss**, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu. Magħdud ma dan imbagħad, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[25]. Għal kjarezza mbagħad, il-liġi tiddefinixxi din il-ħtija bħala lejn dak li ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[26]. Dak huwa l-grad li teżiġi l-liġi. Kif tajjeb sabet Qorti oħra qabilha, sfortunatament Sir Adrian Dingli ma jikxifx is-sors li wasslu għall-implementazzjoni ta' dak li llum huwa l-artikolu 1030 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[27].

---

[24] Artikolu 1030 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta

[25] Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[26] Artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[27] Ara f'dan is-sens, propju fuq abbuż tal-proċess ġudizzjarju, dak ritenut u finalment deċiż fis-sentenza fl-ismiijiet **Market Handle Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited,** (Rik Maħluf Nru: 712/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Diċembru 2018 (mhux appellata).

Illi l-Qrati tagħna, stabbilew li, b'mod ġenerali, u anke qabel il-promulgazzjoni tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti huwa dritt li m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn[28]. Sewwasew, instab diversi drabi ritenut li l-fatt waħdu li wieħed joħroġ tellief f'xi proċeduri m'għandux isarraf awtomatikament għall-potenzjal ta' kawża għad-danni[29]. Għad li kien hemm xi vuċijiet f'minoranza li rritenew (f'każijiet rigwardanti ħruġ ta' mandati kawtelatorji) li anke min jitlob u joħroġ mandati *in bona fede* jista' jkun passabbli kemm għad-danni u għall-penali[30], jidher li dik il-linja ta' ħsieb instabet li hija wiesgħa żżejjed[31]. Normalment, fejn jinstab li jkun hemm element ta' mġieba fiergħa, dan ikun jixhed abbuż tal-proċess[32].

---

[28] Fost diversi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **First Gozo Limited vs John Cordina et,** (Rik App Nru: 46/2018/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ottubru 2024 u dik fl-ismijiet **Avukat Larry Formosa *noe* vs Simon Mallia,** (App Nru: 269/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-21 ta' Jannar 2025.

[29] Sa minn żmien sekolari fis-sentenza fl-ismijiet **Demajo vs Page *no*,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Jannar ta' Jannar 1895, per Imħallef Paolo De Boono LL.D., instab li *"Che e permesso a chiunque, adempita le condizioni della legge, e senza la necessita di una precedente decisione, di cautelare i suoi diritti mediante sequestro. Ma la Corte puo condannare il ricorrente al risarcimento dei danni, se, terminata la trattazione della causa sul merita, la pretensione di lui non aveva alcun fondamento nell fatto o nel diritto (Proc. Civ. Art. 846, 862, 875.) Ne viene spontaneamente, che se la revocazione del sequestro e una necessaria conseguenza del difetto del credito cautelato, non e tale, pero, la condanna al risarcimento de danni. La responsabilita del danno non puo altrimenti derivare che dall' esame delle circostanze determinanti la colpa, il quasi-delitto del sequestrante; e siffatta colpa a sua volta si determina, como si esprime la legge, qundo la pretensione cautelata non avesse "alcun fondamento nell fatto o nel diritto." Un apprezzamento dunque non vero e fallace dei fatti allegati nel circorso del sequestrante non basta a legittimare la domanda dei danni per parte del sequestrato;...."*

[30] Referenza qiegħda ssir għal dak raġunat fil-proċeduri fl-ismijiet **Busietta Gardens Madliena Ltd vs Civil Engineering and Contractors Company Limited,** (fl-atti tal-Mandat Nru: 313/2000) deiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Jannar 2002.

[31] Fost oħrajn, il-Qorti tissenjala s-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd,** (Ċit Nru: 492/2002/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Lulju 2004; id-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **John Zarb vs Port Cottonera Ltd,** (Ċit Numru: 883/02) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-18 ta' Settembru 2002 u d-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Karkanja Developments Limited vs Paul Galea *et*,** (Rik Nru: 144/2017) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Novembru 2018.

[32] Kif aħjar ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Giuseppe Mugliett *ed* vs Avvocato Dr. Giorgio Bezzina,** mogtħija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-29 ta' Jannar 1926: *"Attessocche non puo neanche la pretensione delle attrici trovare sostegno nella colpa aquiliana del convenuto, perche, come ha opportunamente rilevato la prima Corte, non e in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto ne chieded al tribunal il*

Illi wkoll, jinsab dottrinalment aċċettat (u hekk imħaddan mill-Qrati tagħna) li l-abbuż jibda fejn jispiċċa l-jedd[33]. Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor tal-massima *qui iure suo utitur, nemini facit iniuriam*[34]. Proprju għalhekk instab li l-abbuż tal-proċedura ġudizzjarja jintrabat mal-qerq tal-persuna li tkun fetħet dawk il-proċeduri fiergħa[35]. Presuppost ieħor huwa eżami tal-karattru temerarju tal-proċeduri preċedenti[36].

---

*riconoscimento, sebbene non vi riesca. Perche si verifichi in simili casi la colpa occorre che la pretensione si rivelli priva di qualsiasi fonadmento nel fatto e nel diritto, per cuie il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Man un fallace apprezzamento dei fatti post a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite".* Bl-istess mod, il-Qorti tindika s-sentenza fl-ismijiet **Paul Attard *noe* vs Loreto Abela,** (Ċit Numru: 1934/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Mejju 2005. Ħsieb li għadu jiġi mħaddan illum kif joħroġ mis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Galea *et* vs Seaborg Company Limited,** (App Ċiv Nru: 734/2016) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-20 ta' Ġunju 2024.

[33] L-awturi Baudry-Lacantineri u Barde, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile,** qabel ma jgħaddu sabiex jikkiritaw dawk il-pajjiżi fosthom il-liġi Ġermaniża u Svizzera ta' dak iż-żmien (li ppruvaw jilleġislaw b'tali mod li jrażnu litiġji abbużivi u temerarji), jgħidu hekk: *Crediamo doverci associare agli autori che lo considerano come inesatto: <Il diritto cessa dove comincia l'abuso, dice benissimo il PLANIOL e non puo esservi <uso abusivo> di un diritto qualsiasi per la ragione inconfutabile che un solo e medesimo atto non puo essere nello stesso tempo conforme e contrario al diritto. Chio che e vero e che i diritti non sono quasi mai assoluti; la maggior parte sono limitati nella loro esnsione e sottoposti per il loro esercizio a condizioni diverse. Se si esce da questi limiti o se non si osservano queste condizioni, si agisce in realta senza diritt. Puo dunque esservi abuso nella condotta degli uomini, ma cio non avviene quando esercitano i loro diritti, bensi quando li oltrepassano >. Ispirandoci al nostro eminent collega, l'ESMEIN, diremo: Fino a quando ci si contiene nei limiti del proprio diritto, si puo commettere una colpa morale, ma non un colpa giuridica.* – Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, Delle Obbligazioni, Vol 1V, para 2855, a fol 558.

[34] *"Chi esercita il suo diritto non lede nessuno"* Brocard 4007, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 379.

[35] Fost oħrajn, isir riljev għas-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Calleja *vs* Carmelo Grima *et*,** mogħtija mill-Qorti tall-Appell (Sede Superjuri) nhar il-10 ta' Jannar 1955.

[36] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs Gianna Cauchi *et*,** (App Ċiv - Għawdex Nru: 45/2006/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Settembru 2008 fejn ġie mfakkar hekk: *"Biex jirnexxi f'din l-azzjoni tieghu l-appellanti htieglu jipprova t-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenuti f'dik il-kawza l-ohra. Mhux bizzejjed li jipprova li l-konvenuti kienu sokkombenti izda, fundamentalment, ghar-rilevanza tal-karattru temerarju tal-lite, presuppost dan dejjem necessarju ghall-kundanna ghar-rizarciment tad-danni, illi fil-konvenuti kienet tezisti l-kuxjenza ta' l-infondatezza tal-pretensjoni taghhom jew, almenu, li huma naqsu li bl-uzu tad-diligenza, anke minimali, jakkwistaw tali kuxjenza."*

Illi mela sabiex l-atturi jirnexxu f'din il-kawża, huma kien jeħtiġilhom juru li l-azzjonijiet kollha meħuda mil-konvenuti fir-rigward tal-permess tal-iżvilupp relattiv kienu intiżi biss sabiex jirrekaw ħsara, magħmula bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' ġenitur tajjeb tal-familja, u mingħajr ħsieb[37]. Huwa biss jekk jinstab abbuż, li wieħed jista' imbagħad idur fuq min għamillu dik il-ħsara[38]. Naturalment, ġaladarba l-*buona fede* hija preżunta[39], kien imiss lill-atturi jipprovaw il-kontra.

**<u>Mertu – Applikazzjoni għal dan il-każ</u>**

Illi applikat dan kollu għal-każ tal-lum, lil din il-Qorti ma jirriżultalha l-ebda ħjiel, lanqas fl-iktar forma baxxa tagħha, li l-konvenuti abbużaw mill-jeddijiet

[37] Ara f'dan is-sens, fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet **<u>Philip *sive* Pinu Azzopardi vs Rosina Cassar *et,*</u>** (Rik Nru: 862/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2025.

[38] Għandha titqies sentenza klassika f'dan ir-rigward dik fl-ismijiet **<u>Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri,</u>** (Ċit Nru: 39/91) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Jannar 1992, sfortunatament mhux ippubblikata.

[39] Artikolu 532 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, magħdud ma dak li jrid l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala,</u>** (App Ċiv Nru: 306/2006/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-11 ta' Ġunju 2010 fejn ingħad hekk: "*Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni talkonvenut fil-kawza l-ohra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tieghu ghad-danni minhabba dik ir-raguni hu htieglu jipprova li l-konvenut agixxa in mala fede. Hekk, kif jinzel minn gurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi "è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni" dan huwa hekk koncess "nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza" ("Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb", Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932). Gja infatti nghad qabel din illi "colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente" ("Barbara -vs- Fleri proprio et nomine", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Dicembru, 1931);*" Hekk ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Edward Pavia vs Dr. Joseph Ellis LL.D. *pro et noe,*</u>** (App Ċiv Nru: 51/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-18 ta' Jannar 2024 fejn ingħad hekk: *"Madankollu, għalkemm l-appellant jirrepeti b'mod kontinwu t-temerarjetà ta' Edmea Pace, il-prova tat-temerarjetà tal-pretensjoni tal-konvenuta fil-kawża l-oħra kienet taqa' fuqu, u biex tirnexxi t-talba tiegħu għad-danni minħabba dik ir-raġuni hu ħtieġlu jipprova li l-konvenuta aġixxiet b'rieda ħażina."*

tagħhom. Tassew, la huwa mgħallem li s-sempliċi fatt li wieħed joħroġ tellief f'xi kawża ma jfissirx neċessarjament li huwa reponsabbli għad-danni, kemm huwa dan iktar minnu meta dik il-persuna tispiċċa rebbiegħa fil-proċeduri preċedenti?

Illi mill-*iter* tal-atti li hemm sa issa bejn il-partijiet (f'dan il-proċess), jirriżulta hekk:

1. Illi permezz ta' rikors imressaq fit-8 ta' Awwissu 2023, il-konvenuti talbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fir-rigward tal-iżvilupp relattiv fejn ressqu l-lamenteli tagħhom taħt tlett irjus: nuqqas ta'ħarsien ta' distanzi, ksur ta' *policies*, u perikolu ta' ħsara. Dan wara lit-Tribunal kien ċaħad it-talba tagħhom għas-sospensjoni tax-xogħlijiet. Dak il-mandat ġie milqugħ b'mod definittiv, iżda b'mod limitat, fis-sens li l-atturi ġew inibiti milli jibdew ix-xogħlijiet sakemm jinqata' l-appell pendenti quddiem it-Tribunal u li, f'każ li l-permess jibqa' fis-seħħ, ma kellhomx isiru xogħlijiet ta' tħaffir u tqattiegħ f'anqas mid-distanzi misjuba fl-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Mela dik il-Qorti sabet, b'digriet tal-5 ta' Settembru 2023, dejjem mad-daqqa t'għajn, li l-konvenuti kellhom parzjalment raġun fit-talbiet tagħhom. Lil din il-Qorti ma jirriżultax li sar tentattiv ta' revoka ta' dak il-mandat. Lanqas ma jirriżultalha li dik il-Qorti sabet li t-talba għal ħruġ tal-mandat kien mittiefes jew imħammeġ b'xi frivolezza.
2. Illi fl-4 ta' Awwissu 2023, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kienet awtorizzat li jibdew ix-xogħlijiet ta' demolizzjoni fuq is-sit mertu tal-permess relattiv. B'deċiżjoni tat-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni tat-3 ta' Ottubru 2024[40], fuq appell tal-konvenuti, dak it-Tribunal laqa' tnejn mill-aggravji tal-konvenuti (hemmhekk appellanti) u sab li tassew il-*method*

[40] Dok CM9 li tibda a fol 228 tal-proċess.

*statement* relattiv kellu jinbidel għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok dan kellu jinkludi d-dniefel jew pilastri, kif ukoll kellu jinkludi prekawzzjonijiet oħra sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe perikolu ta' *lateral abatement*. Fit-tieni lok, l-atturi ġew ordnati jemendaw l-istess *method statement* sabiex jipprovdu aktar dettal dwar l-istrutturi temporanji li kienu sejrin jintużaw. B'hekk it-Tribunal irrevoka d-deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2023.

3. Illi waqt li kien għaddej dan kollu, l-konvenuti ressqu wkoll appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' April 2024, issa quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ingħatat s-sentenza minn dik il-Qorti fil-11 ta' Diċembru 2024. Dik il-Qorti sabet li t-Tribunal kien applika b'mod ħażin il-*policies* G2 u G3 u filwaqt li laqgħet l-ewwel aggravju tal-konvenuti (u sabet għalhekk li ma kellhiex għalfejn tqis it-tieni aggravju) irrevokat d-deċiżjoni tal-istess Tribunal. Ir-riżultat aħħari kien li dik il-Qorti sabet li l-permess relattiv kien wieħed bla ebda effett fil-liġi.

Illi minn dan ir-rijepilogu joħroġ hekk:

1) Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, waqt l-eżami tal-inibizzjoni, sabet li l-konvenuti kien seħħilhom juru li kien hemm mankanzi fl-iżvilupp lamentat, u dak il-mandat ġie parzjalment milqugħ. Il-mandat, sa fejn dan kien jolqot distanzi legali, **ġie milqugħ lil' hemm** mill-perjodu sakemm kien għadu pendenti l-appell quddiem it-Tribunal tal-Appell u l-Ippjanar. Il-parti deċiżorja ta' dak id-digriet jaqra hekk:

> *Tilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub u dan billi żżomm lill-intimati milli jibdew jew iqabbdu lil min jibda x-xogħlijiet (magħdud dak tat-twaqqigħ tal-*

*binja tagħhom eżistenti) sakemm jinqata' l-appell pendenti quddiem it-Tribunal, u safejn ma għandhomx isiru xogħlijiet ta' tħaffir u tqattigħ f'anqas mid-distanzi maħsuba fl-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili, f'każ li l-permess jibqa' fis-seħħ, u tiċħad it-talba dwar il-bqija, bla ħsara ta' kull rimedju ieħor spettanti lir-rikorrenti fir-rigward; u Tordna li l-intimati jħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura*[41].

2) It-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni sab li *l-method statement* inizjalment approvat kellu jiġi rivedut u l-permess inizjali ġie revokat.

3) Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ukoll sabet li d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet ħażina (fuq punt ta' dritt) u b'hekk irrevokat il-permess relattiv[42].

Illi għal din il-Qorti verament minn imkien ma jirriżultalha li l-konvenuti abbużaw minn xi jedd tagħhom[43], anzi f'kull proċedura li ħejjew spiċċaw li ngħataw raġun, anke jekk xi drabi b'mod parzjali. Peress li ma ġiex ippruvat li l-

[41] Mandat t'inibizzjoni Nru: 1450/2023, fl-ismijiet **Michael Cini *et* vs Martin Agius *et*,** mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Settembru 2023.

[42] Referenza qiegħda ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Michael Cini *et* vs l-Awtorità tal-Ippjanar *et*,** (App Ċiv Nru: 27/2024/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Diċembru 2024 (attwalment hemm pendenti tentattiv ta' ritrattazzjoni).

[43] Dwar dan, il-ġurist Francois Laurent jgħid hekk: "*Agire in giudizio, tanto come attore, quanto come convenuto, è un diritto sacro. L'esercizio del proprio diritto può cagionare un danno: l'attore ed il convenuto sono tenuti a rivalerlo? Non si può applicare alle liti ciò che abbiamo detto della lesione di un diritto. Colui che spinge un'azione in giudizio e perde non lede il diritto del convenuto, tuttochè questi vinca la lite, perchè questo diritto era dubbio; e quindi non vi è diritto leso. Avviene lo stesso del convenuto che soccombe. Ma non basta che nessun diritto sia leso perche' l'autore del fatto dannoso sia al coverto dell'azione di danni-interessi, ma bisogna che altresi abbia usato in buona fede del suo diritto e senza cattiva intenzione*. – Principii di Diritto Civile, Dottor Leonardo Vallardi, 1881, Vol XX, para 412, a fol 312. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Martin Curmi *et* vs C&F Building Contractors Limited,** (Rik Maħluf Nru: 579/2020) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2025 (mhux appellata).

konvenuti mxew b'xi forma ta' *mala fede* jew negliġenza[44], il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis iktar il-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tad-danni. Madanakollu, tkun qiegħda tonqos il-Qorti jekk ma ssemmix li kien ikun hemm ħafna x'jingħad kemm dwar l-ammonti u s-sura tad-danni mitluba, kif ukoll fuq in-ness ta' kawżalita' bejn l-allegat aġir tal-konvenuti u d-danni reklamati.

Illi għalhekk it-talba tal-atturi qiegħda tiġi miċħuda.

Illi finalment il-Qorti jkollha tistqarr li dak li ngħad hawn fuq dwar l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju isib applikazzjoni fir-rigward tat-tħejjija tal-Avviż promotur. Issa, l-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, sejra tittratjeni u toqgħod lura milli timxi skond kif provdut fil-Paragrafu 10(2) tat-Tarriffa A mehmuża mal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex, għad li wieħed mill-atturi jsemmi li huwa straħ fuq il-parir tal-avukat li ffirmat l-Avviż promotur (u l-atti preċedenti), il-Qorti m'għandhiex is-serħan tal-moħħ li dawn il-proċeduri ġew instigati minn dak il-parir biss[45], u mhux fuq pressjoni tal-atturi personalment. Mhux l-istess jingħad dwar il-Paragrafu 10(1) tal-istess Tariffa.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-proċeduri ma kienu xejn għajr tentattiv mill-atturi sabiex idejqu u jivvessaw lill-konvenuti li kif rajna, sempliċiment ipproċedew sabiex jipproteġu l-jeddijiet tagħhom, fid-dawl tan-nuqqasijiet fil-permess tal-iżvilupp tal-atturi. Frankament, anke l-fatt ta' kif seħħew l-affarijiet

[44] Dwar proċeduri simili wara mandat t'inibizzjoni relatat ma' kostruzzjoni, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Falzon Sant Manduca vs John sive Gino Cutajar *et,*** (App Ċiv Nru: 457/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Jannar 2025. Fir-riġett tal-aggravji hemm imressqa, dik il-Qorti sabet hekk: *"Ma tqisx li dan kollhu jirrifletti l-mala fede, u dak li għamlu l-konvenut kien biss li ttantaw jipproteġu l-interessi proprjetarji tagħhom. La l-mala fede hi karenti mill-animu tal-konvenuti u aktar importanti minn hekk mhux provata, ma jistax jiġi meqjus li l-konvenuti ma aġixxewx fil-qies mitlub mil-liġi".*

[45] Għall-korrettezza jingħad li din ir-rimarka qiegħda ssir biss lejn il-legali li kienet tippatroċċinja lill-atturi fil-mument tal-ftuħ tal-kawża (f'atti oħra preċedenti) u mhux lejn dak l-avukat li eventwalment kompla l-kawża wara li l-ewwel waħda ħarġet mix-xena.

jindika li dawn il-proċeduri ma kienu xejn għajr tentattiv tal-atturi li jipprovaw ifarrku lill-konvenuti talli pproċedew, ġustament, kontra l-iżvilupp kif oriġinarjament ippjanat. Tassew, għad li dan m'huwiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri, li l-atturi qabel ma nbdew dawn il-proċeduri ħejjew l-istess pretensjonijet fil-forma ta' ittra uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (kif l-ammont reklamat kien wieħed ċert, likwidu u dovut f'għajnejn il-liġi jisfuġġi lill-Qorti), u din ġiet imressqa waqt il-pendenza tal-Mandat t'Inibizzjoni hawn fuq riferut, hija tbajja kerha. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li dawn il-proċeduri nbdew proprju sabiex l-atturi iressqu sekwestri kontra l-konvenuti, bil-għan li dawn iċedu għall-pressjoni[46], meta l-pretensjonijiet tagħhom kienu privi u nieqsa minn kull pedament[47].

Illi huwa f'dan l-isfond (u naturalment fid-dawl ta' dak li rriżulta fir-raġunament hawn magħmul) li din il-Qorti qiegħda ssib li l-Avviż promotur kien tassew wieħed frivolu u vessatorju[48]. Għalhekk hija meritata l-kundanna għal ħlas t'ammont ulterjuri.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talba tal-atturi.

---

[46] Kliem ieħor għall-kelma vessatorju jinkludu: li jinki; li jagħti fastidju; li jippersegwita - **Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti mħaddem,** Mario Serracino-Inglott, IV edizz, 2016, a fol 590.

[47] Kliem ieħor għall-kelma frivolu jinkludu: żejjed; bla ħtieġa; fieragħ, vojt; ħawl; bla għaqal – **Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti mħaddem**, Mario Serracino-Inglott, IV edizz, 2016, a fol 154.

[48] Għad li dak li sejjer jiġi ċitat ingħad fl-isfond ta' kawża għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti ssib li minn aspett letterarju, għanda ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet fl-ismijiet **Mark Lombardo *et* vs Kunsill Lokali Fgura,** (Rik Nru: 1/2004/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-7 ta' Ottubru 2004 (ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-7 ta' Ottubru 2005) fejn ingħad hekk: *"Illi huwa aċċettat li, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra".*

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-atturi.

Finalment, peress li kif ingħad din il-Qorti qiegħda ssib li l-Avviż promotur kien wieħed fieragħ u vessatorju, l-atturi Martin Agius u Irene Agius qegħdin ukoll jiġu ordnati, flimkien bejniethom, iħallsu spejjeż addizzjonali fl-ammont ta’ elf u ħames mitt Ewro (€1,500) lir-Reġistratur tal-Qorti skont il-Paragrafu 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur